# Il-marċi funebri u mużika oħra b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa fix-xogħlijiet tas-Surmast Miruzzi




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tidher li bdiet hawn Malta fi żmien il-Kavallieri. Dawn il-manifestazzjonijiet kienu jkunu akkumpanjati mid-daqq tal-fifra u tanbur fuq quddiem, u ġieli wkoll, xi strumenti tal-korda. Maż-żmien imbagħad, bdiet tieħu sehem xi banda żgħira tixbah 'il dik 'Ta' Indrì' fuq in-naħa ta' wara tal-purċissjoni, aktarx bejn il-vari tal-Monument u d-Duluri. Iżda, il-qabża l-kbira f'dak li hu daqq ta' marċi funebri minn banda kif nafuha llum seħħet għal nofs is-seklu dsatax meta fl-ibliet u l-irħula l-aktar antiki bdew jiffurmaw ruħhom l-ewwel soċjetajiet mużikali fuq il-mudell ta' baned militari Ingliżi. Aktarx li, kull fejn kien hemm purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kont issib il-banda tar-raħal takkumpanjaha. Din kienet tieħu postha eżatt quddiem il-Vara l-Kbira peress li din tal-aħħar kienet toffri l-qofol f'manifestazzjoni simili. Meta mbagħad, fiż-żmien ħafna aktar riċenti, f'xi bliet u rħula nibtet it-tieni banda lokali, il-purċissjonijiet bdew jinkluduhom it-tnejn, b'waħda ddoqq fuq quddiem, aktarx quddiem l-istatwa tal-Ort, u l-oħra fuq wara kif għedna.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).




Daqq bil-fifra u t-tanbur għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira (Maltese oral Poetry and Fok Music)

Biex nagħti definizzjoni ta' x'inhu marċ funebri nagħżel li nikkwota lil Joseph Vella Bondin: 'Marċi funebri ġeneralment jinkitbu fi kjavi minuri u jkollhom temp aktar meqjus, u kif isimhom stess juri, jindaqqu minn banda waqt li tkun tikkumpanja xi funeral jew il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.' Imma, għad li l-marċi funebri hawn Malta huma intimament marbutin mal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, dawn diġà nsibuhom f'xogħlijiet klassiċi ta' kompożituri kbar li mhux bilfors huma ta' natura sagra. Insemmi biss u t-tieni moviment tas-Sinfonija nru. 3 in Mi*b* Maġġuri Op. 55, magħrufa aħjar bħala 'L-Erojka' ta' Ludwig van Beethoven, u t-tielet moviment tat-tieni Sonata in Si*b* minuri Op. 35 għall-pjanu ta' Frederick Chopin. Aktarx li, ħafna mis-surmastrijiet maltin u oħrajn barranin li, qabel it-Tieni Gwerra Dinjija servew fil-kariga ta' surmast direttur f'diversi baned lokali, kienu jkunu ispirati minn dawn ix-xogħlijiet. Ngħiduha kif inhi, kompożituri mħarrġin tajjeb fl-aqwa konservatorji ewropej bilfors li kienu jkunu midħla ta' dawn il-kapolavuri.

| Mro. ANTON MIRUZZI | | | |
|---|---|---|---|
| Isem tal-marċ funebri | | | |
| | | | |
| 01 | ***A Miei Cari*** | 11 | ***Pianto*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 02 | ***Cadavere*** | 12 | ***Pietà*** |
| 03 | ***Cordoglio***[1] | 13 | ***Remembranze*** |
| 04 | ***Dolore*** | 14 | ***Rimpianto*** |
| 05 | ***Flagellatio Domini*** | 15 | ***Sconforto*** |
| 06 | ***Giorno di Pianto*** | 16 | ***Triste Conforto*** |
| 07 | ***In Amaritudine*** | 17 | ***Tristi Pensieri*** |
| 08 | ***La Via della Croce*** | 18 | ***Tritis Hora*** |
| 09 | ***Lacrime*** | 19 | ***Una Lacrima*** |
| 10 | ***L'Ultimo Respiro*** | 20 | ***Venerdì Santo*** |



Mro. Antonio Miruzzi

**Profil ta' Mro. Antonio Miruzzi**: twieled il-Furjana fl-10 ta' Ottubru 1867 minn Ġużeppi u Mikelina, imwielda Brincat. Tgħallem il-mużika mingħand Mro. Pawlu Miruzzi. Mal-mewt ta' zijuh, Antonio laħaq Surmast tal-banda Għawdxija 'Leone', u ftit wara, tal-banda 'Nicolò Isouard' tal-Mosta. F'karriera mill-aqwa u brillanti bħala surmast-direttur, għalliem tal-allievi u kompożitur prolifiku, Miruzzi mexxa wkoll baned u entitajiet mużikali oħra fosthom, 'La Valette' (Valletta), 'I Cavalieri di Malta' (Sliema), 'La Vincitrice' (Isla), 'San Piju X' (Ħal Lija), Sant' Andrea' (Ħal-Luqa), 'Beland' (Żejtun), kif ukoll 'San Ġużepp (Ħamrun). Baned oħrajn li hu mexxa kienu s-soċjetajiet filarmoniċi ta' 'Sta. Marija' (Mosta) u 'San Ġorġ' (Bormla), il-banda tal-Orfni tal-Belt, kif ukoll l-Orkestra Mandolinistika 'La Valette' fi ħdan il-Banda li ġġib l-istess isem. Bħala kompożitur, Mro. Miruzzi kiteb ħafna xogħlijiet għall-banda fosthom fantasiji, sinfoniji, melodiji u ħafna valzi, polki, mażurki, gavotti u marċi. Ir-reputazzjoni li kellu bħala kompożitur ta' marċi brijużi xterdet ma' kull rokna tal-gżejjer Maltin. Ikkompona wkoll settijiet ta' marċi funebri li għadhom jindaqqu minn bosta baned fil-funerali u fi programmi sagri.

Għal Joseph Mifsud Matrenza[2] (1918-2013), storjografu ewlieni tas-Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' tal-Ħamrun, Miruzzi 'kien bniedem sensittiv għall-ġrajjiet soċjali u drammatiċi ta' żmienu' bil-konsegwenza li kienu jinfluwenzawlu xogħlijietu. Dan seta' jikkonfermah Mifsud Matrenza stess peress li kellu bosta okkażjonijiet li fihom kien iħobb jitkellem mas-surmast 'dwar il-ħajja mużikali tiegħu.' Bħala eżempju, l-awtur isemmi li, fiż-żmien l-ewwel Gwerra, ħafna mis-suldati kienu jmutu u

---

[1] Dal-marċ kien intagħżel minn Michael Klinger biex jindaqq fil-film *Pulp* (1972). Skont Mifsud Matrenza, ir-reġista ried li, waqt il-funeral ta' dan il-film jindaqq il-marċ ta' Miruzzi u ta' ebda awtur famuż ieħor internazzjonali.

[2] Twieled il-Ħamrun minn Anthony u Karmena, imwielda Matrenza. Daħal jgħallem fl-iskola primarja tal-Ħamrun fl-1938 wara kors sħiħ fis-*Central School* tal-Belt Valletta. Fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija huwa nqabad suldat bil-lieva u daħal jaħdem mar-*Royal Army Medical Corps* (RAMC) fejn spiċċa fir-rank ta' surġent. Kien dilettant ħafna tal-isport tant li kien jilgħab mat-tim tal-*Under 18* tal-*Ħamrun United*. Kien hu wkoll li għaqqad l-istess tim mal-*Ħamrun Spartans*, li tiegħu serva bħala Viċi-President. Kien hu wkoll fost l-ewlenin li rriforma l-*Malta Union of Teachers* fl-1947, u li dam iservi fil-kunsill tagħha għal erba' snin. Ir-rabta ta' Joe mas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun tmur lura sa ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija meta flimkien ma' sħabu l-għalliema kienu jmorru jqattgħu ftit ħin jilgħabu l-karti hemmhekk. Ta' min jgħid ukoll li, Joe, għadu tfajjel, kien diġà midħla tal-Każin peress li missieru kien jiffrekwentah biex jilgħab it-tombla. Wara l-gwerra mbagħad, kien daħal fil-Kumitat Ċentrali u minn hemm 'il quddiem baqa' jagħti l-kontribut tiegħu bħala membru sal-1963, bl-ogħla kariga tkun dik ta' Viċi-President. Wara did-data hu baqa' jservi fid-diversi kummissjonijiet. Huwa kiteb l-istorja tas-Soċjetà kemm meta din għalqet 75 sena ħajja fl-1964 kif ukoll meta għalqet il-100 sena fl-1989. Għal dal-ġest sabiħ min-naħa tiegħu, u għall-kontribut qawwi li ta lis-Soċjetà, Mifsud Matrenza nħatar bħala President Onorarju tagħha. Hu qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu rikoverat fir-residenza San Vinċenz de Paul. Huwa jibqa' figura storika għal diversi ġenerazzjonijiet ta' Ħamruniżi li għaddew minn taħt idejh, kemm bħala għalliem, u iktar tard, assistent kap tal-iskola Dun Frans Camilleri fil-Ħamrun stess, kif ukoll bħala bniedem li ħabb b'qalbu kollha lis-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża sal-aħħar nifs ta' ħajtu li ġrat nhar it-13 ta' April 2013 fl-età sabiħa ta' 94 sena. (Riferenzi: Programmi tal-festa San Gejtanu 2002, pġ. 107-111, 2010, pġ. 227-231, u 2013, pġ. 259.)

jindifnu fiċ-ċimiterju ta’ Braxja[3], fil-limiti tal-Ħamrun. Il-funerali tagħhom kien ikunu aktarx akkumpanjati bid-daqq ta’ marċi ta’ swied il-qalb minn baned militari. Kienu dawn it-tip ta’ xeni mimlija niket li missew qalb Miruzzi u ispirawh biex jikteb numru ta’ marċi funebri. Għal Mifsud Matrenza wkoll, il-forti ta’ Miruzzi, minbarra s-sinfoniji u l-innijiet, kienu l-marċi funebri.



Venerdì Santo: Marċ funebri minn ta' Miruzzi

Mhux faċli tgħid meta kitibhom dawn il-marċi u/jew għal-liema okkażjoni, iżda l-ġurnal *Malta* tat-13 ta’ April 1927, kien ġab li kienu ndaqqew xi marċi funebri mill-Banda ‘San Ġużepp’ tal-Ħamrun fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Belt Valletta. Fost dawn il-marċi jissemmew *Sconforto, A Miei Cari, Triste Conforto,* u *Dolore*. L-istorjogarfu Għawdxi Anton Grazio Grech ukoll isemmi li, fl-arkivju tal-Banda Għawdxija ‘Leone’, hemm marċ funebri minn ta’ Miruzzi ddatat 7 ta’ Marzu 1894. Li nafu fiċ-ċert hu, li Miruzzi kien jirregala sett ta’ marċi funebri lil dawk il-baned li tagħhom kien surmast-direttur fosthom żgur, sett ta’ tmienja lill-Banda Ħamruniża ‘San Ġużepp’, sett ieħor ta’ erbatax lill-Banda Luqija ‘Sant’ Andrija’, u sett ieħor lill-Banda Mostija ‘Nicolò Isouard’. Uħud minn dawn il-marċi huma bla isem. Ta’ min iżid jgħid li, minbarra marċi funebri, Miruzzi kiteb ukoll xi mużika sagra b’rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa fosthom, *Le Setta Parole* u l-*Ultima Parola*.

Fit-tabella ta’ hawn fuq qed inġib lista ta’ marċi funebri mill-pinna ta’ Miruzzi. L-ismijiet tagħhom ġibthom minn għejun differenti fosthom, l-internet. Madankollu, wieħed għad irid jiċċekkja sew jekk dawn humiex kollha tiegħu, anki jekk huma mniżżlin f’ismu. Skont is-Surmast Stephen Dimech, *In Amaritudine* huwa diġà każ wieħed. Jista’ jagħti l-każ ukoll li, żewġ ismijiet differenti qedin jirreferu għall-istess marċ. Fil-fehma ta’ Mifsud Matrenza, il-marċi funebri ta’ Miruzzi ‘jammontaw għal madwar erbatax’. Dawn huwa l-istess ammont ta’ marċi funebri li jinsabu fl-arkivju tal-Banda ‘Sant’ Andrija’ ta’ Ħal Luqa.

[3] *Ta’ Braxja* jew *Ta’ Braksja* hu l-isem oriġinali tal-Ħamrun li jestendi minn Blata l-Bajda sal-*Fleur de Lys* - jew F(j)urdulis, kif inhu komunement magħruf mill-Maltin - u li jinkludi wkoll parti mill-Marsa u Sta. Venera kollha. Minn dokumenti tal-ewwel nofs tas-seklu sbatax insiru nafu li, dal-isem ġej minn kappella li kienet iddedikata lil *San Nicolai **della Braxia*** jew *San Nicola della contrada **tal Braxchixia***. [Din il-kappella li kienet mibnija fuq il-għolja, li fil-qedem kienet tissajjaħ ta’ Braxja, kienet iġġarrfet u minflokha nbniet oħra ddedikata lill-Assunta fl-inħawi llum magħruf bħala tas-Samra. Tajjeb ngħidu li, fil-knisja tas-Samra, fuq il-lemin tal-maġġur, għadna nsibu l-artal ta’ San Nikola li hu l-istess wieħed li kien imqiegħed bħala titular fil-knisja l-qadima qabel ma twaqqgħet.] L-istess fl-inħawi ta’ Tal-Pietà, instabu xi dokumenti li fihom iġibu wkoll dal-isem, fosthom wieħed tal-1675 li jgħid hekk: ‘contrada della chiesa e convento della B.V.M. della Pietà chiamata **della Breixia**’, u ieħor aktar riċenti tal-1878 li jgħid hekk: ‘dei limiti della Florana in contrada della Pietà, appellate **ta Braksia**.’ Imma l-aktar dokument qadim imur lura għall-1601 u li nstab fl-inħawi ta’ Fleur de Lys li fih insibu miktub dan li ġej: ‘nella clausura detta ???, nella contrada **tal Braqxia**, vicina alla chiesula di San Bartolomeo App.’ Illum il-ġurnata, minn dal-isem arkajku ma fadal xejn għajr ċimiterju f’Tal-Pietà magħruf bħala ‘Ta’ Braksja’. (Camilleri Walter: Ismijiet toponomastiċi fil-Ħamrun. Programm tal-festa Parroċċa San Gejtanu 1994, pġ. 57-61) (n.b. Jista’ jkun li, dal-isem hu korruzzjoni ta’ Brescia? – Ara San Nicola di Brescia. Dan qed ngħidu peress li, qabel il-knisja Tas-Samra kien hemm oħra ddedikata proprju lil San Nikola.